**QORTI TAL-MAGISTRATI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Mario Tonna)

**vs**

**Armando Bugeja**

**Brian Mizzi**

Illum ………….. 2001.

Il-Qorti

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati;

**1.** ***Armando Bugeja***, ta` 44 sena, bin il-mejjet Alfred u l-mejta Gaetana nee` Theuma imwieled il-Marsa fit-28 ta` Marzu fit-28 ta` Marzu 1957 u joqghod 30, 'Connie', Triq Gwann Mamo, l-Iklin ID 235357 M.

**2.** ***Brian Mizzi,*** ta` 28 sena, bin Joseph u Mary nee` Abela imwieled Pieta` fil-25 ta` Awissu 1972 u joqghod 64, Flat 7, Triq San Frangisk, il-Furjana, ID 395872 M;

**1.** Talli minn gewwa mahzen li jinsab 38, Il-Moll tal-Braken, il-Marsa, matul dawn l-ahhar gimghat u xhur, b`diversi atti maghmulin b`rizoluzzjoni wahda f`hinijiet differenti, ikkommettew serq ta` prodotti ta` detergent likwidu tl-marka 'Dixan' a detriment tal-Kumpannija Paolo Bonnici Limited, liema serq jecedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-lok u bil-hin.

**2.** Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement, f`Malta laqghu ghandhom jew straw hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq jew akkwistati b`reat, jew xjentement b`kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti u l-atti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370 (3)(a) tal-Kodici Kriminali tat-2 ta` Ottubru 2001.

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi tratta bi procedura sommarja;

Issibhom hatja

Rat fil-konfront ta` Amadeo Bugeja l-Artikoli 261,263, 264, 267, 270, 279 (b), 269 (d) u 281 (a)(b) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9), kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat fil-konfront ta` Brian Mizzi, l-Artikoli 261, 263, 264, 167, 270, 279 (b), 269(d), 281 (a)(b), 49, 50 u 289 (i) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9), kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tiddeciedi li tapplika l-imsemmi Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 biex tara li l-hatja fl-ahhar jifhmu li jbiddlu t-triq li qabdu.

Ghalhekk filwaqt li ssib l-imputat ***Armando Bugeja*** hati, **tilliberah taht il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum.**

Issib lill-imputat ***Brian Mizzi*** hati u **tilliberah taht il-provvediment ta` l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta, b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin** u qed tahtar lis-sinjura **Miriam Falzon Sevasta bhala Ufficcjal tal-Probation.**

Il-Qorti qed tfisser lil hatja ir-responsabilitajiet taghhom skond il-ligi.

| | |
|---|---|
| Vera kopja | Dr Joseph Cassar |
| | MAGISTRAT |
| L Spiteri Bailey | |
| Dep Reg. | |